

# BIRKIRKARA FI ŻMIEN IL-GWERRA

**Kitba ta' Gużi Mallia**

Xi ftit taż-żmien ilu, jien u xi ħbieb oħra li bejnietna għandna xkora snin fuq daharna, konna qegħdin niddiskutu s-suġġett tal-Każni tal-Banda, u wieħed minna semma kif il-Każin tal-Banda Sant'Elena kien laqa' r-rifuġjati fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Billi ż-żmien għadda sewwa mit-tmiem ta' din il-gwerra, iż-żgħażagħ tagħna ftit li xejn jafu x'għadda minn fuq Malta f'dak iż-żmien u kif kulħadd tista' tgħid għamel xi ħaġa għall-ġid tal-pajjiż. Hekk per eżempju il-Każini tal-baned, għal l-anqas dawk ta' Birkirkara, minbarra s-sehem tagħhom fil-ħajja normali li jgħallmu u jinkoraġġixxu l-arti mużikali, u jagħtu pjaċir lil kull min jisma' l-banda ddoqq, taw ukoll kontribut siewi lill-pajjiż, meta nqalgħet il-ħtieġa. Il-Każin tal-Banda Sant'Elena serva biex jakkomoda lir-refuġjati u dak tal-Banda l-oħra Karkariża, laqa' lid-Dipartimenti tal-Gvern meta dawn ħarġu mill-Belt Valletta.

Billi l-Gwerra ilha żmien twil li spiċċat, tant li dawk li twieldu matulha, jew laħqu l-eta' tal-pensjoni inkella waslu għaliha, għalhekk żgur li ma tkunx xi ħaġa barra minn lokha li tissemma' xi ħaġa dwarhafuq fuq, biex iż-żgħażagħ tagħna jsiru jafi xi ftit fuqha.

Malta, forsi bħal ma jaf kulħadd, kienet kolonja ta' l-Ingilterra, u billi l-Ingilterra kienet daħlet fi gwerra kontra l-Ġermanja u l-Allejatitagħha, allura pajjiżna sab ruħu f'din il-gwerra. Għall-ewwel konna naqraw u nisimgħu biss fuq dak kollu li kien qed jiġri fil-Polonja, Ċekoslovakkja, Franza u pajjiżi oħra Ewropej, kif il-Ġermanja ta' Hitler qabżet fuqhom u okkupathom fi żmien qasir, kif sejjer il-ġlied fl-Ewropa u kif bl-evakwazzjoni ta' l-Armata Ingliża li kienet tiġġieled fi Franza, l-Ingilterra rnexxielha tibni Armata ġdida biex teħodha kontra l-qawwiet Nażisti, Faxxisti u Ġappuniżi.

L-Ingilterra idddikjarat gwerra kontra l-Ġermanja fit-3 ta' Settembru 1939. Għall-ewwel il-ġlied ma kienx sejjer tajjeb għall-Ingliżi u Franċiżi, u l-Ġermanja kellha suċċess kull fejn it-truppi kienu jersqu, għax kemm l-Ingliżi kif ukoll il-Franċiżi ma kienux ippreparati tajjeb għall-gwerra ta' din ix-xorta. Hekk kif Mussolini ra li l-Ġermaniżi kienu sejrin tajjeb, iddeċieda li jżomm man-naħa tagħhom u iddikjara gwerra kontra l-Ingilterra fl-10 ta' Ġunju 1940. L-għada stess sar attakk mit-Taljani fuq Malta u f'dan l-ewwel attakktilef ħajtu Boy Gunner Philip Busuttil, iben is-Surmast Ġużeppi, li kien is-surmast tal-Banda Sant'Elena.

Ġewwa Malta, l-iżjed pajjiżi li sofrew mill-attakki ta' l-għadu mill-ajru kienu Bormla, l-Isla u l-Birgu, li kienu madwar id-Dockyard. Il-belt Valletta sofriet ukoll ħsara kbira. Il-Gżira ma tantx marret tajjeb, għax fil-viċinanza kien hemm bastiment HMS Terror, li kellu kanuni kbar u kien jispara bil-goff lejn l-ajruplani ta' l-għadu, allura meta waddbulu l-bombi dawn laqtu lil Gżira u għamlu ħsarat kbar, u purċissjoni sħiħa ta' refuġjati lejn Birkirkara. Birkirkara tista'

tgħid li kienet il-post li l-iżjed laqgħet lir-refuġjati, biżżejjed insemmu li fl-ewwel xahrejn tal-gwerra r-refuġjati f'Birkirkara kienu jlaħħqu 17,000. Fil-gwerra l-popolazzjoni ta' Birkirkara kienet laħqet 40,000. Birkirkara ma kieitx wieħed mill-postijiet li kienu fil-mira ta' l-għadu, u għalhekk kienu jsibu posthom dawk ir-refuġjati kollha. Għall-ewwel dawn in-nies sabu posthom fl-Iskola tal-Gvern ta' Brared, iżda aktar tard, din l-istess skola serviet bħala sptar li kien jismu St. Francis Hospital. L-istudenti ġew imqassma fi djar privati u anki fl-Awla Kapitulari. Fl-Awla kien hemm żewġ klassijiet li kienu jkunu dahar ma' dahar mingħajr ebda diviżorju, u l-lezzjonijiet kienu jsiru għal kull klassi, darba fil-għodu u l-ġimgħa ta' wara, wara nofsinhar, niex b'hekk kienu jsiru żewġ sezzjonijiet għal żewġ klassijiet kuljum. L-Iskola tal-Freres kif ukoll is-Seminarju Maġġuri kienu ġew l-Oratorju.

F'Birkirkara kien hemm batterija tas-searchlight fl-inħawi 'tas-Salib', u kien hemm ukoll fortizza għal kontra l-ajruplani fl-inħawi 'Tal-Qroqq', fejn illum hemm l-Universita'. Din il-batterija kienet waħda mill-aqwa f'Malta. Fil-viċinanza ta' Birkirkara kien hemm ukoll il-fortizza 'Ta' Giorni' u dik 'Ta' Spinola', u meta dawn it-tliet batteriji kienu jingaġġaw l-ajruplani, it-tfaqqiegħ tal-kanuni tagħhom kien wieħed li jwerwer. Ħaġa li baqgħet tissemma għaliha Birkirkara kienet li fetħet żewġ sptarijiet, wieħed fl-iskola ta' Brared u l-ieħor fis-sala tal-Kulleġġ San Alwiġi. Iċ-ċimiterju 'Ta' l-Infetti' beda wkoll jintuża'. Minbarra dan, Birkirkara wkoll laqgħet teżori ta' arti u devozzjoni fil-Parroċċa tagħna.

Birkirkara kellha s-sehem tagħha fin-numru ta' mejtin u feruti li sfaw vittma ta' l-attakki ta' l-għadu. B'kollox matul din il-gwerra n-numru ta' nies ċivili li mietu kien ta' 1,571. Ma' dawn wieħed irid jikkunsidra wkoll in-numru ta' nies tas-Servizzi li tilfu ħajjithom. Minn dawn l-1,571 ċivili li mietu, kien hemm minnhom 78 li kienu residenti f'Birkirkara; 18 minn dawn kienu tfal ta' l-eta' minn ftit xhur sa 14 il-sena, 24 żgħażugħ bejn il-15 u t-30 sena, 26 oħra bejn il-31 u s-60 sena u 10 oħra 'l fuq minn 60 sena. L-akbar numru ta' nies li mietu kien fis-sena 1942, meta tilfu ħajjithom 69. Fis-sena 1940 mietu 44 u sena wara mietu 5 oħra. Minn dawn is-69 li mietu fl-1942, is-sena li kien l-iżjed qalila, 15 minnhom mietu fix-xahar t'April u 23 fix-xahar ta' Lulju. Fl-10 ta' dan ix-xahar kienu waqgħu l-bombi n-naħa tal-Vitorja, li kkaġunaw il-mewt ta' 11 min-nies u fil-31 ta' l-istess xahar tilfu ħajjithom 12 il-persuna meta waqgħet bomba fl-inħawi ta' Santu Rokku.

In-numru ta' attakki mill-ajru (air raids) laħaq iċ-ċifra ta' 3,340 imqassam hekk: fl-1940 - 211, 1941 - 963, 1942 kien hemm rekord ta' 2,031 li minnhom kien hemm 282 fix-xahar t'April. Fl-1943 kien hemm 127 u fl-1944 kien hemm 8. Dawn l-attakki mill-ajru damu għal 2,357 siegħa li jġibu 98 ġurnata jew kważi 3 xhur u ġimgħa kontinwi. Ħafna mill-ġurnata u l-lejl konna nqattgħuhom fix-xelter u li ma kienx għan-numru kbir ta' dawn ix-xelters imħaffrin fil-blat, kieku n-numru tal-mejtin kien ikun wieħed kbir tassew. F'dawn l-attakki nqerdu għal kollox 5,524 djar ta' l-abitazzjoni u kien hemm ukoll numru ta' 5,077 li ġarrbu ħsara kbira li kellhom jerġgħu jinbnew u 4,848 bi ħsara li setgħet tissewaa kif ukoll 14,225 li sofrew ħsara minħabba l-blast tal-bombi. Birkirkara kellha s-sehem tagħha wkoll.

Billi din il-ġrajja kienet waħda ta' demm, tbatija, dmugħ u biki, għalina li jew bqajna ħajjin inkella ġejna wara, tkun ħaġa xierqa li niftakru fil-mejtin li taw ħajjithom biex aħna nibqgħu ngħixu fis-sliem, kif ukoll dawk il-vittmi innoċenti tal-ħidma ta' l-għadu. Għaldaqstant tkun ħaġa sabiħa li jkun magħruf x'kien is-sagrifiċċju fil-ħajjiet tan-nies ċivili kif ukoll tas-Servizz li taw f'ħajjithom. Kienu wkoll bosta Maltin li tilfu ħajjithom fuq il-baħar, fuq il-kanun inkella fil-protezzjoni ta' l-ajrudromi u ta' l-ajruplani li kienu jiddefendu lil Malta.